FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Settembru 2014

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sitta u Tletin (36) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjaħ is-Sitta u Tletin (36) Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nżammet **nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru 2014 fis-2.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Plakka tar-Rebħ ta' 6 Unuri mill-Floriana F.C.
10. Traffiku u Parkeġġ
11. European Mobility Week
12. Ġenna ta Ġonna...U Ħafna Aktar!
13. Tindif fil-Floriana
14. Proġetti Binja Vilhena u Binja Preziosi
15. Riġenerazzjoni tal-Floriana
16. Aġġornament tal-Laqgħa

Għas-Sitta u Tletin (36) laqgħa tas-Sitt Kunsill kien hemm preżenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Il-Viċi Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 3.2.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru 3.2.3.**
**L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Jean Zarb ma kienx preżenti.**

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba żgħira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hamsa u tletin (35) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.18 (35) u saqsa jekk il-Kunsill kienx talab stima. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntrattur kien gie fuq il-post u ghandu jerga' jigi fil-bidu tal-gimgha ta' wara sabiex ikun jista' jtih stima tax-xoghol.

2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 2.14 (35) u nformat li c-cirkolari ghall-ischolarship kienet intbaghtet u li kienet kuntenta bil-konkorrenza soddisfacenti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Sur Tony Coleiro u ohtu kienu ghaddew lill-Kunsill volumi tal-gazzetta Il-Furjana legati, kif ukoll zewg kotba ta' korrispondenza u xi artikli. Huwa kompla billi qal li dawn kienu parti mill-kollezzjoni tal-Kavallier Emanuel S. Tonna.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li kellu mas-Sur Ray Debono Roberts li ssuggerixxa li kien hemm bzonn li jitwaqqaf muzew tal-Floriana. Huwa kompla billi ssuggerixxa li jitpoggew xi *artifacts* u xi affarijiet ta' natura storika fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill li jkunu esposti ghall-pubbliku.

**Nota: 14:10 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

3.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg esprima t-thassib tieghu f'kaz li s-sala tkun qed tinkera u saqsa jekk dan itellifx lil min ikun qed jaghmel uzu minnha.

3.2.2 Is-Sindku qal li l-hsieb tieghu kien li dawn l-oggetti jkunu esposti mad-dawra tas-sala.

3.2.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob li jiltaqa' mas-Sur Ray Debono Roberts sabiex tigi diskussa iktar fid-dettall il-proposta tieghu.

**Nota: 14:12 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

3.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien gie mitlub minn Dr Angele Vella biex jorganizza laqgha ma' Transport Malta, il-Pulizija u l-Avukat Generali sabiex tigi diskussa l-bye-law tar-Registrazzjoni tal-Garaxxijiet. Huwa qal li kien sorpriz b'din it-talba minhabba li jhoss li tali laqghat ghandhom jigu organizzati mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

3.3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ricentement kien tkellem ma' Audrey Testaferrata De Noto dwar it-tahrik ta' vetturi li jkunu pparkjati quddiem garaxxijiet. Huwa kompla billi qal li hi kienet informatu li ma kien hemm xejn fil-ligi li jghidlek li tista' taghmel linji sofor quddiem garage. Is-Sindku Nigel Holland qal li ma kien hemm xejn fil-ligi li jispecifika li dawn ma setghux isiru.

3.3.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li l-Kunsill kien talab lil kull sid ta' garage sabiex jirregistra l-garage tieghu mal-Kunsill biex konsegwentement ikunu jistghu isiru l-linji sofor quddiem il-garage. Huwa qal li dan kien iservi sabiex il-Kunsill ikollu kontroll fuq garages li qed jintuzaw ghall-vetturi u ohrajn li kienu indikati bhala tali, izda fil-fatt kienu jintuzaw ghal skop iehor.

3.3.3 Rigward il-laqgha, il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jorganizza l-laqgha hu kif mitlub minn Dr Vella u qabel li din il-laqgha ghandha tinzamm fi zmien xahar sabiex jinghata bizzejjed cans lill-entitajiet mistiedna biex ihallu d-data hielsa ghall-laqgha.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien innotta li d-dawl ta' Gnien Preziosi kien mitfi nhar is-27 t'Awwissu 2014. Huwa kompla billi qal li kien talab lill-kuntrattur jaghti raguni ghal dan in-nuqqas u li l-kuntrattur kien wiegeb li l-kaxxa minn fejn jinxteghel id-dawl kienet maghluqa. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu ikkonferma mal-haddiem li dan ma kienx possibli minhabba li din il-kaxxa ma kinietx tissakkar. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din ma kinietx l-ewwel darba u li l-kuntrattur suppost kellu jkun jaf b'dan. Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jinforma lill-kuntrattur li dan in-nuqqas ma kienx accettabli.

3.4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-kuntrattur jigi mmultat ghal dan in-nuqqas skont kif jistipula l-kuntratt. Tali mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano bir-rizultat ikun wiehed unanimu.

3.4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kaz ricenti fejn huwa kien innota li kien hemm bzonn li titnaddaf parti mill-gnien u li kien informa lill-kuntrattur dwar dan permezz tat-telefon. Huwa qal li l-kuntrattur kien injora l-istruzzjonijiet moghtija minnu xorta wahda.

3.4.3 Ghalhekk huwa ppropona li l-kuntrattur jigi mmultat ta' dan in-nuqqas skont kif jistipula l-kuntratt. Tali mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano bir-rizultat ikun wiehed unanimu.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Floriana Community Mental Health Service kienu talbu sabiex itellghu attivita' fi Pjazza Robert Samut nhar l-10 t'Ottubru 2014 sabiex tigi ccelebrata il-Mental Health Day. Huwa kompla billi qal li huma kienu qed jitolbu wkoll ammont ta' spazji ta' parkegg li ser ikunu mehudin mill-banka tad-demm. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jilqa' t-talba bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa wkoll li l-Floriana Community Mental Health Service kienu talba lill-Kunsill sabiex jiehu hsieb jiffinanzja l-banner ghal din l-attivita'. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' din il-proposta.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Floriana Basketball Club kienu talbu lill-Kunsill sabiex flimkien itellghu attivita' kongunta fic-Centru Rikreattiv Re Gorg V. Il-Kunsill laqa' l-proposta bil-kundizzjoni li s-sehem tal-Kunsill ma jeccediex it-€300.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba tal-Akkademja ta' Justin Haber sabiex

itellghu open day nar it-13 ta' Settembru 2014 fejn talbu wkoll li l-post ikun fi stat nadif ghall-okkazjoni. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja precedenti u nforma li l-Akkademja kienu talbu wkoll biex jaghmlu zewg bankijiet u shelter bejn iz-zewg piccijiet matul ix-xhur tax-Xitwa sabiex il-genituri jkollhom fejn ipoggu u jistkennu waqt li jkunu ghaddejjin is-sessjonijiet. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk dawn il-bankijiet kienux ser jaghlqu l-passagg. Il-Kunsill qabel fil-principju bil-kundizzjoni li l-Kunsill ikun informa b'dak li jkun ser isir ezatt u f'iktar dettall.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li t-talba ghall-fondi dovuti lill-Kunsill ghax-xoghol t'asfaltar ma kinietx giet approvata u kompla billi qal li hu kien qajjem din il-materja mal-Ministru Michael Farrugia fejn kien talbu d-dokumenti u l-korrispondenza kollha. Huwa kompla billi qal li kien ipprovdilu l-korrispondenza kollha bl-approvazzjoni bil-miktub moghtija mill-Gvern precedenti. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill kellu jistenna risposta dwar din il-materja.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal xi tabelli tal-un/loading bays li kien hemm fi Triq Sant'Anna fiz-zmien qabel ma beda s-servizz tal-Arriva. Huwa qal li dawn kienu tnehhew meta kien beda s-servizz imsemmi u ghalhekk issuggerixxa li dawn jerghu isiru sabiex jiffacilitaw il-hajja tar-residenti u anke ta' dawk li jiffrekwentaw il-hwienet li hemm fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment u qabel li ghandu jiehu hsieb li dawn it-tabelli jergghu isiru.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand NNG Promotions fejn talbu lill-Kunsill jirrikunsidra l-kont tal-ispejjez mitlub lilhom mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma setax jirrikunsidra l-multa ghall-ksur tal-kundizzjonijiet ladarba l-Kunsill kien diga ha decizjoni dwar dan fil-laqgha precedenti. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jirrikunsidra l-kont ghall-ispejjez li ghandu jinaghta skont ta €100.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-komunikazzjoni interna sabiex jippartecipa fil-progett ta' Creative Governance. Huwa kompla billi qal li l-applikazzjoni kienet giet milqughamid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano ghall-approvazzjoni tal-partecipazzjoni, issekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, MP, NH, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

3.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-korrispondenza mibghuta minn mis-Sur Franco Schembri rigward il-Monti.

3.14.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienu ghamlu ezercizzju fejn gie ddeterminat l-ammont ta' postijiet vakanti

3.14.2 Huwa qal li nhass il-bzonn li qabel ma jigu assenjati postijiet godda, ghandu jigi vverifikat li l-posti ddeterminati bhala vakanti huma verament vakanti u li ma kienux qed jigu okkupati minn nies ohra.

3.14.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona wkoll li l-Kunsill jitkellem mas-Sur Franco Schembri qabel jassenja posti godda. Il-Kunsill qabel.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kienu qed jintlaqghu l-applikazzjonijiet ghall-Premju Haddiem tas-Sena.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien ircieva talba sabiex jinzamm tieg fi Gnien Preziosi. Is-Sindku nforma li f'kaz li ma jkunx hemm oggezzjoni, il-Kunsill irid jiddeciedi l-ammont li kien ser jitlob sabiex tinzamm din l-attivita'.

3.16.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li jinzamm il-massimu permess mill-bye law u li l-Kunsill jipprovdilha attendant mat-toilets.

3.16.2 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li l-Kunsill ma setax jikkumpara l-gnien mas-sala minhabba li sala tat-tigijiet ikollha diversi facilitajiet li l-gnien ma joffrix.

3.16.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma tahsibx li dan kien applikabbli minhabba li kien hemm diversi gonna li jinkrew ghall-funzjonijiet minkejja li ma jkollhomx il-facilitajiet kollha ta' sala.

3.16.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u jzomm €650 ghall-uzu ta' Gnien Preziosi, issekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, DSH)
Kontra: 3 (MP, NH, ET)
Astensjonijiet: 0

3.16.5 Wara kontro mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u jzomm €500 ghall-uzu ta' Gnien Preziosi, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, ET, MP)
Kontra: 2 (VB, DSH)
Astensjonijiet: 0

3.16.6 Il-Kunsill qabel li dan il-permess jinghata bil-kundizzjoniet tas-soltu specjalment bil-kundizzjoni li ma jigux disturbati r-residenti.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minn Dr Roberta Lepre sabiex jittella' riceviment fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li ghandu japprova din it-talba ghall-prezz ta' €100 bil-kundizzjonijiet tas-soltu kif ukoll li jassigura li l-gnien ma jinghalaqx kompletament.

3.18 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'suggeriment imressaq minn resident sabiex joghlew il-bankijiet li saru fi Gnien Preziosi fuq pjattaformi minhabba li kienu wisq baxxi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-perit tah il-parir li ma joghlewx iktar u li dan il-progett kien sar skont l-ispecifikazzjonijiet tal-Perit tal-Kunsill.

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal zewg bankijiet li twahhlu f'zona imwarrba fejn gie allegat li kienu qed jintuzaw ghall-abbuz. Ghalhekk huwa ppropona li dawn jinqalghu minn fejn kienu u jitwahhlu x'imkien iehor. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn iz-zewg bankijiet kienu twahhlu bhala parti mill-progett GARDMED u ghalhekk il-Kunsill kien obbligat li jzommhom fil-post ghal hames snin skont il-ftehim ta' GARDMED.

3.20 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill b'korrispondenza mibghuta mill-iSkola Primarja fejn talbu lill-Kunsill jekk jistax joffrilhom il-haddiema tieghu ghal jumejn sabiex jghinhom fl-irrangar tal-picc sintetiku li ghandhom fl-iskola. Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-

ahhar talba t'ghajnuna u esiega li did-darba ghandu jigi specifikat minn qabel x'ser ikun hemm bzonn li jaghmlu l-haddiema minhabba li fl-okkazjoni precedenti kellom jaghmlu sforzi fizici esagerati. Il-Kunsill qabel fil-principju bil-kundizzjoni li x-xoghol li ser jintalab mill-haddiema tal-Kunsill ikun wiehed accettabli.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku dwar il-fanali ornamentali u jekk kienx hemm xi twegiba. Is-Sindku wiegeb li ma kien ghadu rcieva l-ebda twegoba dwar din il-materja jew dwar ir-responsabbilta' tal-Fosos in generali. Huwa kompla billi qal li kien hemm problema rigward il-fondi minhabba li dawn kienu marbutin mal-klima. Is-Sindku qal ukoll li hu kien ser jibqa' jsostni l-pozizzjoni tal-Kunsill li jaqa taht ir-responsabilta tieghu.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li kienet inzammet il-laqgha li matulha giet diskussa ir-rigenerazzjoni tal-Fosos u l-fondi relatati. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien gie spjegat il-mod kif jistghu jinkisbu l-fondi li kienu limitati ghall-progetti fil-bidla tal-klima. Huwa ssuggerixxa lill-Kunsill li ghandu jkun kreattiv u originali fl-applikazzjoni ghal dawn il-fondi.

4.2.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li huwa importanti li l-Kunsill ikollu kollox preparat sal-ahhar tas-sena.

4.2.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien kuntent li l-Perit tal-Kunsill johrog b'xi proposta u l-Kunsill jipprocedi biha.

4.2.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma kienx jaghmel sens li l-Kunsill jidhol fi spejjez ta' pjanti, ecc. u japplika ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea ladarba ghadu ma jafx jekk ir-responsabbilta' tal-Fosos hijiex tal-Kunsill jew le.

4.2.4 Is-Sindku qal li hu jinsab cert li l-Fosos huma r-responsabbilta' tal-Kunsill. Huwa kompla billi qal li ghal dawn l-ghexieren ta' snin, il-Kunsill dejjem ha hsieb il-Fosos u jekk jirrizulta li l-Fosos ma kienux tal-Kunsill, allura jissuggerixxi li l-Kunsill jitlob lura rifuzjoni tal-ispejjez kollha li nefaq fuq il-Fosos matul is-snin li jammontaw ghal eluf kbar ta Ewro.

4.2.5 Is-Sindku kompla billi qal li ma jaqbilx li l-Kunsill jitlob lill-Gvern Centrali dwar ta min hiir-responsabbilta' minhabba li jhoss li l-ebda gvern centrali ma kien ser jikkonferma dan.

4.2.6 Huwa qal ukoll li hu tal-hsieb li l-Kunsill jaghmel l-applikazzjoni tieghu u f'kaz li jkun hemm xi problema minn xi entita', din ser tressaq il-hsibijiet taghha u possibilment anke twaqqaf l-applikazzjoni mressqa mill-Kunsill imbaghad wiehed jara minn hemm.

4.2.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li ghandu jitkellem mal-Perit u jara x'jghidlu. Huwa nforma lill-Kunsill li ma kienx ser jipprocedi qabel ma jkollu l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li giet informata li qed isiru xi barbecues wara s-sur u saqsiet jekk il-Kunsill jistax iwahhal tabelli li tali attivita' mhux permessa. Il-Kunsill qabel mal-proposta jekk jigi ivverifikat li dawn ma kienux permessi skond il-ligi.

4.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li jixtieq li l-Kunsill jikkunsidra li jiddedika zona apposta al barbecuqes. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jekk il-Kunsill jiddeciedi li jalloka zona ghal dan, ghandu jiehu hsieb jipprovdi bins fejn jintrema' l-iskart relatat.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal taht il-Forka u saqsiet jekk is-Sindku kienx informat jekk hux ser isir progett f'din iz-zona. Is-Sindku wiegeb li ma kellu l-ebda informazzjoni u ghalhekk il-Kunsilliera Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jikteb lill-Gvern Centrali sabiex jistaqsi dwar din il-materja. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien informat li kienet harget espressjoni t'interess fir-rigward ta' dan il-progett. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jikseb kopja ta' din l-espressjoni sabiex ikun informat x'jinvolvi dan il-progett.

4.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kwistjoni pendenti li l-Kunsill ghandu mal-Partit Nazzjonalista u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku qal li hu kien canfar lill-kuntrattur li kien qed jahdem fuq il-Fosos xi jiem qabel fuq il-fatt li kienu inqala bank minghajr permess kif ukoll li nforma lis-Segretarju Ezekuttiv biex jikteb lis-Sur Charles Stroud fuq l-affarijeit li qed jigru prezentament, kif ukoll biex jitlob lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jipprocedi fuq il-materja l-antika tal-bankijiet li kienu ghosfru.

4.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jinsab dizgustat bil-mod kif saru l-affarijiet fir-rigward tal-laqgha mal-President. Huwa qal li hu ma kienx gie informat bil-laqgha bhala kunsillier. Huwa kompla billi qal li kellu jsir jaf bl-agenda bhala rapprezentant ta entita' ohra, u li kieku ma kienx hekk, ma kienx ser ikun infurmat.

4.7.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi lanqas kienet giet informata bil-bidla fil-hin tal-laqgha.

4.7.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja ma kienx qed jikkoordinaha hu u ghalhekk stieden lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex iwiegeb.

4.7.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ghal kull bon fini, dan il-bord ma kienx tal-Kunsill izda tal-entitajiet kollha tal-lokalita'. Ghalhekk il-Kunsill kien a par mal-entitajiet kollha.

4.7.4 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar tard fl-agenda.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fid-decizjoni mehuda mill-Kunsill biex f'Ottubru jergghu jigu kkonfermati l-voti lic-Chairperson u lis-Segretarju / Tezoriet tal-kumitati u sotto kumitati permezz ta' vot.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jhoss li l-membri tas-sottokumitat ghandhom jigu nvoluti aktar u ssuggerixxa li huma ghandhom jigu mistiedna ghal laqghat li fejn jista ikollom xi interess.

5.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill isib metodi ohra sabiex jinforma lin-nies bil-laqghat li jkunu ser isiru minhabba li mhux kulhadd ikollu access ghall-Facebook.

**Nota: 15:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li minhabba li l-uniformi tal-impjegati m'ghadiex issir bhala, ser ikollha tinbidel u tinxtara uniform gdida lill-impjegata l-gdida. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni migjuba.

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ser jinxtara materjal sabiex ikunu jistghu

jitkomplew il-bollards ta' Triq il-Konservatorju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa lill-Kunsill ssir bidla zghira fil-websajt tal-Kunsill. Huwa ssuggerixxa li jizdied item iehor fis-sit li jkun jittratta l-attivatajiet. Huwa qal li din il-bidla kienet ser tammonta ghal €350. Il-Kunsill approva l-istima u qabel li ghandu jipprocedi.

**Nota: 15:33 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-photocopier tal-kamra tal-kunsilliera kienet spiccat u ghalhekk informa li kien gab kwotazzjonijiet sabiex tinxtara xi haga fuq skala izghar.minhabba li ma kinietx tkun val la pena li titranga. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jhoss li din m'ghandhiex tinbidel minhabba li din ma tantx tintuza. Il-maggoranza tal-Kunsilliera ma qablux mall-eccezzjoni tal-Vici Sindku Matthew Paris, u qablu li ghandha tinxtara printer/copier ohra minflok dik prezenti.

**Nota: 15:37 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

6.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-arblu, u saqsa x'jista' jsir. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li biex isiru, kien hemm bzonn li jsir il-pediment.

6.6 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Koperattiva Tabelli u Sinjali kienux qed jaghmlu t-tabelli li jintalbu mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill jibghat ordnijiet skont il-bzonn u li kien ghad hemm tabelli ordnati li l-Kunsill qed jistenna li jaslu.

**Nota: 15:39 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 95-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12226 sa 12234, bir-rizultat:

Favur: 4 (VB, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 15:41 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 36/1 – Wara talba ta residenta, qed inressaq mozzjoni sabiex issir road hump / speed moderator f'nofs Triq San Frangisk, kif iddur minn triq il-Fosos.

Proponent: Davina Sammut Hili
Data: 26 t' Awwissu 2014

8.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (DSH, VB, ET, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

8.2 36/2 – Minhabba li i-Centru Rikreattiv jibqa miftuh sa tard bil-lejl sabiex ikun jista jkompli jopera l-operatur tal-Gabbana, u minhabba li l-kuntratt tal-Gonan jistipula li l-gonna ghanhom jinghalqu fil-11.00pk fil-granet tas-sajf, qed nissuggerixxi li issir grada / kancell / jew bieb bejn ic-Centru Rikreattiv Re Gorg V, u Gnien Sir Luigi Preziosi (fejn il-cat cafes).

Proponent: Vince Borg
Data: 29 t' Awwissu 2014

8.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, MP, DSH, ET, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 9.0 Plakka tar-Rebh ta' 6 Unuri mill-Floriana F.C.

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li hu xtaq jipproponi li ssir lapida li tikkommemora l-avveniment tar-rebh ta' 6 unuri mill-Floriana F.C. fi stagun wiwhed

9.2 Il-Kunsill qabel fil-principju ma' din il-proposta bil-kundizzjoni li ghandha l-ewwel tigi approvata l-istima u li jsiru d-diskussjonijiet mal-entita' kkoncernata.

## 10.0 Traffiku u Parkegg

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi saqsa jekk kinietx intbaghtet l-ittra diskussa lill-Isqof Monsinjur Charles Scicluna. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-ittra kienet intbaghtet izda kien ghad ma rcieva l-ebda risposta.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien saqsa lil xi sindki ohra jekk il-kappillan/l-arcipriet tal-lokalita' kienux inghataw parkegg riservat u kollha kienu nformawh li dawn ma kellhomx parkegg riservat.

10.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu darba kien issuggerixxa li jsirlu parkegg riservat. Huwa kompla billi saqsa jekk il-lokalitajiet li semma s-Sindku kellhomx problema ta' parkegg bhal dik tal-Floriana u s-Sindku wiegeb fl-affirmattiv

10.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien qed jircievi diversi lmenti rigward vetturi pparkjati fuq il-bankina quddiem id-Dar tal-Arcipriet. Huwa qal li ma setax jaghti struzzjoni ingusta lill-gwardjani lokali biex iharrku l-vetturi kollha pparkjati fuq il-bankina minbarra l-vettura tal-Arcipriet. Huwa zied jghid li l-Kunsill kellu jiehu decizjoni dwar din is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun.

10.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk l-Arcipriet kienx gabar il-permess tal-iskema ta' parkegg residenzjali. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan il-permess ma kienx ingabar.

10.6 Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill riedx li jibqa' jistenna risposta minghand l-Isqof ladarba l-materja kienet diga giet ittrattata mieghu. Il-Kunsill qabel.

10.7 Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm progress rigward it-tnehhija tal-parkeggi l-ohra. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien tal-hsieb li dawn jitnehhew f'daqqa appena l-Kunsill jinghata risposta.

10.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat reminder bi skadenza ta' gimghatejn lill-entitajiet pendenti u li jekk ma jkunx hemm twegiba, ghandu jipprocedi skont il-linji gwida ta Transport Malta

## 11.0 European Mobility Week

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha mitluba minn Peter Paul Barbara rigward il-European Mobility Week li tinkludi fiha l-attivita' tal-Car Free Day li ser issir it-Tnejn 22 ta Settembru 2014.

11.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li din l-attivita' ser tikkoincidi mal-ewwel gurnata tal-iskola. Is-Sindku wiegeb li l-Gvern kien iddecieda li ghandha tinzamm l-istess data ghal din l-attivita'.

11.3 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiehu hsieb iressaq l-applikazzjoni tal-Kunsill biex ikun jista' japplika ghall-fondi relatati mal-attivita'.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill ghandu jorganizza din l-attivita' dejjem u biss jekk il-fondi jkunu kkonfermati. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 12.0 Genna ta' Gonna... u hafna aktar!

12.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li matul laqgha li kellu mas-Sur Jason Micallef, kien hareg il-hsieb li ma jintuzawx il-gonna matul in-Notte Bianca. Huwa kompla billi qal li l-idea hi li l-attivitajiet jibdew minn Bieb il-Bombi 'l gewwa fejn hemm hsieb ukoll li jkun hemm access ghal fuq Bieb il-Bombi kif ukoll li jinxteghelu s-sigar minn Bieb il-Bombi sal-funtana tal-iljun bil-fustuni.

12.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla billi qal li l-organizzaturi kienu qed jitolbu li tinxteghel Triq Sant'Anna kollha u li jittellghu bnadar ikkuluruti fuq l-arbli ezistenti.

12.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk iz-zona ta' Bieb il-Bombi hux ser tkun maghluqa ghat-traffiku dakinhar. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li ma kienx hemm hsieb li din tinghalaq.

12.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li jsir bridge bhala access ghal fuq Bieb il-Bombi u dan biex ma jinholoqx kjass ghat-traffiku. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li dan ikun l-ideali.

12.5 Il-Vici Sindku zied jghid li hu kien talab li dan il-progett jithalla wkoll sa Genna ta' Gonna... u

hafna aktar! sabiex ikun t'attrazzjoni wkoll ghal din l-attivita'.

12.6 Il-Vici Sindku qal li kienu qed isiru l-preparazzjonijiet sabiex ghal dakinhar il-Park & Ride tieqaf ukoll il-Floriana.

12.7 Il-Vici Sindku Paris issuggerixxa li l-attivita' tal-Kunsill issir l-ghada tan-Notte Bianca. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li jhoss li l-fatt li jittellghu zewg attivitajiet f'jumejn ma jghinx biex ikun hemm attendenza.

12.8 Il-Vici Sindku ppropona wkoll li l-logo tal-Kunsill jidher fil-poster tal-attivita' tan-Notte Bianca bhala entita' li qed tissapportja l-attivita'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

12.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa wkoll li ssir laqgha mal-operaturi tal-hwienet ta' Triq Sant'Anna sabiex jigu nformati bil-pjanijiet ghal din l-attivita' kif ukoll biex il-Kunsill iheggigom biex jarmaw fuq barra bl-ikel u x-xorb dakinhar. Huwa kompla billi qal li jixtieq jipproponi li s-sidien tal-hwienet jiehdu hsieb jipprovdu xi forma ta' divertiment huma stess sabiex parti mill-folla tinzamm fiz-zona. Il-Vici Sindku qal li tali divertiment propost ikun jista' jitnizzel fil-programm tal-attivita' li jiehu hsieb jaghmel il-V18. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

12.10 Is-Sindku Nigel Holland qal li fir-rigward tal-attivita' ta' Genna ta' Gonna... u hafna aktar!, l-ispiza ghandha tkun dik bhal tas-sena ta' qabel.

12.11 Is-Sindku kompla billi qal li kien ser jipprova jerga' jikkuntattja lill-'Malta u lil Hinn minnha' sabiex ikunu jistghu jerghu jaghmlu coverage tal-attivita'.

12.12 Il-Kunsillier Edward Torpiano fakkar fl-offerta' maghmula mill-V18 sabiex jghinu lill-Kunsill fl-organizzazzjoni tal-attivita'.

12.13 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li l-Grand Hotel Excelsior ghandhom xi electric cars u ssuggerixxa li l-Kunsill jaghmel uzu minn dawn il-vetturi sabiex iwasslu lin-nies minn attrazzjoni ghall-ohra.

12.14 Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar li l-branding u l-pubblicita' huma importanti hafna sabiex il-Kunsill jassigura attendenza. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jhoss li l-poster ghandu jkun specifiku fejn tinghata informazzjoni dwar l-attrazzjonijiet li ser ikunu miftuhin dakinhar.

12.15 Il-Vici Sindku talab li l-Kunsill iqabbad lil xi hadd professjonist sabiex jiehu hsieb il-poster ghal din l-edizzjoni ta' Genna ta' Gonna... u hafna aktar! Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li tali poster ghandu jigi approvat mill-Kunsill qabel jigi pprintjat u ppublicizzat.

## 13.0 Tindif fil-Floriana

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk il-kenniesa kienux qed jigu jiffirmaw kuljum fl-ufficcju hekk kif kien mitlub mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kienu qed jigu jiffirmaw kif mitlub.

**Nota: 16:20 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

13.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-kuntrattur kien qallu jekk jippreferix li l-haddiema jahdmu binhar fejn hu kien wiegbu li kien jippreferi li wiehed ikun jista' jarahom jahdmu. Huwa kompla billi qal li r-residenti kienu ndunaw bil-kambjament li sar ricentement.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li fir-rigward tal-gwardjani lokali, dawn ukoll kienu qed jaghmlu l-parti taghhom izda minkejja dan xorta jsibu xi intoppi. Huwa semma kaz ricenti fejn gwardjan lokali kellem residenta minhabba li tefghet borza sewda mhux wara l-bieb taghha.

**Nota: 16:24 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

13.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan il-kaz sehh fi Triq Pietro Floriani fejn kien hemm problema li baqghet tippersisti jigifieri li nies li joqghodu fis-sular t'isfel ta' blokk minnom joggezzjonaw li l-iskart kollu tal-blokk jispicca taht it-twieqi taghhom. Ghalhekk huwa ssuggerixxa li ssir kaxxa safra fejn ir-residenti ta' dan il-blokk ikunu jistghu jitfghu il-boroz taghhom. Huwa kompla billi qal li dan kien ser isolvi l-problema fejn l-iskart jintefa' mal-blokk taghhom u mhux faccata, u ma jkunx taht twieqi tan-nies.

13.5 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li l-Kunsill jinforma lis-sidien tar-residenzi li jinkrew biex javzaw lil min jikru bil-hinijiet tal-gabra tal-iskart.

13.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona wkoll li l-hinijiet tal-gabra jkunu accessibbli ghall-pubbliku fuq il-website tal-Kunsill.

13.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jerga' jiccirkola l-hinijiet tal-gabra tas-Sajf kif ukoll tax-Xitwa. Hija qalet li kull tant zmien hemm bzonn li tintbaghat cirkolari anke jekk din tintbaghat biss li xi toroq u mhux lil-lokalita' kollha.

13.8 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li tali noti jkunu wkoll bl-Ingliz sabiex jinftehmu wkoll mal-barranin li jghixu fil-lokalita'.

**Nota: 16:29 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

13.9 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Green MT sabiex jippublika dawn il-hinijiet fuq il-leaflet li ser iqassam dalwaqt.

**Nota: 16:30 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

13.10 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-problemi li hemm f'certu toroq u ssuggerixxa li l-Kunsill jahseb minn qabel sabiex jistabbilixxi kriterji specifici ghal kull min jitlob li fit-triq ikun hemm designated area fejn jintefa' l-iskart. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jistabbilixxi dawn il-kriterji.

13.11 Is-Sindku Nigel Holland semma wkoll li l-kuntrattur tat-tindif kien issuggerixxa li jsir il-hasil tal-Fosos. Huwa qal li kien ser ikun hemm bzonn li jingieb bowser. Madankollu dan ix-xoghol ma giex ikkuntrattwat.

13.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal bicca art li hemm fil-lokalita' li fiha qed jintefa' hafna imbarazz. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill jikkuntattja lil sid l-art sabiex itella' cint halli ma tkomplix taghti lok ghal abbuz. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

13.13 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u ppropona li l-Kunsill jistaqsi lill-ETC jekk jistghux jibghatu lil xi hadd sabiex jiehu hsieb it-tindif tal-gnien. Huwa qal li tali verifika trid issir issa qabel ma jasal iz-zmien ghat-tigdid tal-kuntratt. Il-Kunsill qabel li

ghandu jistaqsi dwar dan.

13.14 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghat-tindif tal-latrini u ppropona li tinhareg sejha ghall-offerti specifika ghat-tindif tal-latrini u ghall-ftuh/gheluq tal-gonna.

13.15 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li ghandu l-ewwel jigi vverifikat is-suggeriment tal-Kunsillier Borg qabel ma l-Kunsill jiehu decizjoni finali dwar x'jista' jsir.

## 14.0 Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi

14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah il-materja billi qal li li qed jistenna apuntament minghand ic-CHAC

14.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jesiegi li tinghata risposta malajr kemm jista' jkun u jekk ma jinghatax risposta ser jitlob laqgha mac-Chairman minhabba li jhoss li l-Kunsill ma setax jistenna iktar.

14.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ser jerga jkellem lil Perit Chris Mintoff dwar dan.

## 15.0 Rigenerazzjoni tal-Floriana

15.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li kienu gew ipprovduti l-minuti tal-laqgha li Saret Mal-President ta Malta..

15.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab sabiex ikun jista' jispjega l-problema li nqalghet mil-perspettiva tieghu dwar il-laqgha li ssejhet ghall-ghaqdiet lejliet il-varar tal-Forum tal-President ghar-Rigenerazzjoni tal-Floriana

15.3 Huwa qal li fejn jidhol dan il-forum, il-Kunsill kien meqjus daqs kull entita' ohra u ma kienx il-Kunsill li kien qed jippresiedi dan il-forum.

15.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-bidla fil-hin tal-laqgha ghall-ghaqdiet kien informah biha s-segretarju tal-forum is-Sur Chris Vella dakinhar wara nofsinhar.

15.5 Il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalu li huma ma kienux jafu li kien hemm bidla fil-hin u sostnew li tali nuqqas m'ghandux jerga' jirrepeti ruhu.

15.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li tali ilmenti ghandhom jitqajjmu fil-forum u jitressqu quddiem is-Segretarju, ladarba dan il-forum kien wiehed indipendenti u l-Kunsill kien jifforma parti minnu u mhux bil-kontra.

15.7 Il-Vici Sindku kompla billi qal li lkoll kienu nformati bil-laqgha li saret it-Tnejn. Huwa qal li hu ma qabilx li kellha tinzamm dik il-laqgha u wisq inqas mal-mod kif saret l-agenda.

15.8 Ghall-fini tal-minuti, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li hi ma kinietx taf bil-laqgha li nzammet it-Tnejn lanqas.

15.9 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-ittra li rcieva hu bhala membru minn kumitat iehor kienet iffirmata mis-Sindku u mhux minn xi hadd iehor.

15.10 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill ghandu jiehu certu responsabbilta' ta' dan ladarba l-

ittra giet iccirkolata minnu ghalkemm hu kien biss mitlub li jiccekja l-ittra ghax l-inizjattiva kien qed jiehu hsieba is-Sur Vella u l-Vici Sindku Matthew Paris.

15.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li li kieku l-Kunsillier Borg ma kienx iccekkja l-posta tal-kazin li jaghmel parti minnu, ma kienx ser ikun informat b'din il-laqgha.

15.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk l-ghaqdiet l-ohra kienux informati li l-laqgha ser issir ladarba lanqas il-kunsillieri ma kienu jafu biha.

15.13 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien dahal fiha minhabba li l-president tas-socjeta' kien ikkuntattjah peress li ma setax jaghmel kuntatt mal-Vici Sindku.

15.14 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-korrispondenza ghandha tibda' tohrog mill-Ufficcju tal-President ladarba dan il-forum ser ikun amministrat minn dan l-ufficcju.

15.15 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien ta' l-impressjoni li l-agenda kienet giet ikkoordinata mal-Vici Sindku u kien minghalih li l-ufficcju tal-President kien qed jikkomunika mal-Vici Sindku rigward il-laqghat, ecc.

15.16 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk qal li ghandu jigi deciz min kien ser jibda' jiehu l-inizjattiva fil-futur kif ukoll min kien ser jiehu r-responsabbilta' ta' dan il-forum partikolarment min-naha tal-Kunsill wara li l-Vici Sindku ddikjara li ma jridx ikollu x'jaqsam aktar mal-Forum hlief fil-qasam li jolqot lilu.

15.17 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma kienx gust li gew ikkuntattjati l-ghaqdiet izda mhux il-kunsillieri.

**Nota: 17:00 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jestendi l-laqgha b'siegha.**

15.18 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien jinsab iddispjacut bil-mod kif tkellem il-Kunsillier Vincent Borg filwaqt li l-Kunsillier Borg sostna li hu kien iddispjacut bil-mod kif giet trattata s-sitwazzjoni.

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

16.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 2 t'Ottubru 2014 fil-5.15pm.

Il-laqgha ntemmet fil-5.15pm.

Nigel Holland
Sindku
Vici Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv